Nawguraw lis-seminarista tagħna Jamie Buttigieg li, flimkien ma' Dun Giovann Tabone MSSP, li hu min-Nadur ukoll, u grupp ta' żgħażagħ Maltin, din il-ġimgħa għadhom kemm telqu biex jagħmlu esperjenza ta' missjoni fil-Filippini sat-22 t'Awwissu. Se jkunu fil-belt kapitali Manila u wkoll ġewwa Bataan, fid-djar tal-patrijiet missjunarji ta' San Pawl. Nixtiqulhom esperjenza li tħalli l-frott mixtieq u nżommuhom fit-talb tagħna.

Nawguraw ukoll lill-abbatini tagħna Clyde Borg u Saviour Portelli, li minn nhar it-Tlieta 6 t'Awwissu sal-Ġimgħa 16 t'Awwissu ser ikunu ġewwa Ruma mal-grupp tal-abbatini Għawdxin għall-esperjenza ta' servizz fil-Bażilika ta' San Pietru fil-Vatikan. Huma ser ikunu jgħixu flimkien bħala grupp fis-Seminarju Minuri ta' Ruma u jservu fil-Vatikan skont il-ħtiġijiet ta' kuljum. Il-grupp ser ikun immexxi minn Dun Michael Curmi (Arċipriet Ta' Sannat), Dun Noel Debono (Direttur tal-vokazzjonijiet) u Dun Krystof Buttigieg (Arċipriet maħtur tan-Nadur). Jalla jkollhom esperjenza sabiħa li jibqgħu jgħożżuha u nwegħduhom it-talb tagħna.



Din il-ġimgħa lestejna t-tisbiħ tal-uffiċċji parrokkjali tagħna. Ħloqna spazju aktar komdu li jservi ta' waiting area, u kabbarna l-ispazju li se jservi għall-arkivju tal-parroċċa, b'mod li jinġabru aktar dokumenti u kollox ikun merfugħ b'mod iktar sigur u adegwat kontra l-periklu tan-nar. L-arkivju tal-parroċċa preżentament qed jieħu ħsiebu l-Arkivista Daniel Meilak u kull min jixtieq xi servizzi jista' jibgħat email fuq:
nadurparisharchive@gmail.com
jew iċempel l-Uffiċċju Parrokkjali.

Tajjeb ninfurmaw li għal min jikkollezzjona r-rivista *Luminaria* għandna diversi ħarġiet minn tal-passat li nistgħu noffru għal min jixtieq xi kopja. U jekk hawn min jixtieq jieħu xi kopja tal-aħħar ħarġa tal-*Luminaria* lill-emigranti Nadurin, jista' jitlobna kopja mill-Uffiċċju Parrokkjali.

Infakkrukom li l-ħinijiet tal-ftuħ huma: kull nhar ta' Tnejn, Erbgħa u Ġimgħa, mid-9.00am sal-11.30am. L-Arċipriet jilqa' wkoll appuntamenti individwali fl-istess granet fil-ħinijiet ta' waranofsinhar bejn l-4.00pm u s-6.30pm.

**ĠIMGĦA MUŻEWMINA**

Kulħadd huwa mistieden jattendi għal dawn l-attivitajiet li ser isiru fl-okkażjoni tas-77 sena mill-bidu tal-Museum tas-subien fin-Nadur.

**It-Tnejn 5 t'Awwissu fit-8.00pm:** Quddiesa ta' radd il-ħajr iċċelebrata mill-Arċipriet maħtur il-Kan. Dun Krystof Buttigieg

**It-Tlieta 6 t'Awwissu fit-8.00pm:** Taħdita għal kulħadd bl-isem: 'Dun Ġorġ... Tagħlimu għadu jgħodd għal-lum ukoll' mis-Superjur Malti Johann Tabone

**L-Erbgħa 7 t'Awwissu:** Jum it-Tfal. Nibdew b'quddiesa fil-qasam fit-8.30am u l-jum jintemm b'festin fit-8.00pm

**Il-Ħamis 8 t'Awwissu fit-8.00pm:** Adorazzjoni minn Dun Michael Said

**Il-Ġimgħa 9 t'Awwissu fit-8.30pm.** Play: Dijademi bla gdiedem

Se jsir pellegrinaġġ għal Lourdes b'risq il-missjoni ta' Dun Ġużepp Camilleri fil-Gwatemala mill-21 sal-25 ta' Settembru li ġej. Għal aktar informazzjoni ċempel lit-tour leader fuq 79233264 jew kellem direttament lil Dun Ġużepp.

**Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.15am; 7.00am; 5.00pm; 7.00pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 7.45am; 9.00am; 11.00am
**il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am